## KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA

---

## IL-ĦAMES LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 24 – L-ERBGĦA, 9 TA' MARZU 2011 FIT-8.15PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sindku Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier Antoine Vella ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Vici Sindku Simon Paul Fenech ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Aġġudikazzjoni tal-offerta tal-*Bulky Refuse Collection* MTFLC/005/10**

3.1 Kien hemm tliet offerti għal din it-*tender*. Dawn kienu Carmelo Vella b'offerta ta' 5.25 Euro, DDE Attard Ltd b'offerta ta' 3.72 Euro u Brian Caruana b'offerta ta' 6.00 Euro.

3.2 L-offerta ta' DDE Attard Ltd ma kinietx tinkludi r-rimi tal-iskart miġbur, u għalhekk l-offerta ma setgħetx tkun ikkunsidrata.

3.3 Ġie deċiż li tiġi aċċettata l-irħas offerta mit-tnejn l-oħra, l-offerta ta' Carmelo Vella bir-rata ta' 5.25 Euro għal kull *collection.*

**4 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li Zgħażagħ Rabtin Pawlini bagħtu ittra ta' protesta minħabba t-tnaqqis fil-pagament tagħhom fix-xogħol tad-dawl tal-Milied. Il-Kunsill ħass li dan it-tnaqqis kien ġustifikat u ġie deċiż li tintbagħat ittra oħra f'dan ir-rigward.

4.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-iskema Nsaħħu l-Komunità, Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern, tal-Awtorità tad-Djar, l-iMtarfa ġie magħżul biex jibbenefika fis-sena 2012.

4.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-President tar-Repubblika se jagħmel Żjara Statali fl-iMtarfa fit-8 u fit-12 ta' Ġunju 2011.

4.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġie aċċettat fl-iskema Inizjattivi Sportivi.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żieda fil-kontijiet tan-*Northern Cleaning* għas-servizz ta' ġbir ta' skart kienu għolew minn Lulju 2009 għax kien hemm żieda fis-servizz.

4.6 Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' tal-WSC rigward it-talba tagħhom biex iwaħħlu apparat fuq il-*Clock Tower*. Ġie deċiż li jintalab xi ħlas għal dan.

4.7 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalità se ssir il-Ħadd, 3 ta' April 2011 fl-10.00am.

4.8 Ġie deċiż li terġa' ssir it-talba lit-TCTC biex dawn jipprovdu, bla ħlas, course ta' ECDL lill-persuni b'diżabiltà mill-iMtarfa.

4.9 Ġie deċiż li jintbagħat invit lill-Arvidsjaur biex dawn jieħdu sehem fis-*seminar* Festa Ġemellaġġi li se jkun fil-11 u 12 ta' April. L-ispejjeż għal dan irid ikun merfugħ minn Arvidsjaur.

4.10 Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Kumitat tar-Rabat Ajax rigward il-problema ta' parkeġġ ħażin minn dawk li jagħmlu użu tal-faċilitajiet tagħhom.

4.11 Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-kumitati tal-Binja Qlejgħa rigward is-sitwazzjoni tad-dawl fil-parkeġġi tal-madwar.

**5 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

5.1 Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk li ħadu sehem fl-attività tal-Karnival fl-iMtarfa.

5.2 Ġie deċiż li jingħata appoġġ lir-residenti ta' Binja San David biex dawn ikollhom aċċess bil-vetturi f'każ ta' xi emergenza. Dawn għandhom jgħaddu ittra lil-Kunsill.

5.3 Is-Sindku ippreżenta ittri legali li rċieva l-Mtarfa FC mingħand id-Depiro u li rċieva l-Kunsill mingħand Mtarfa FC rigward l-aċċess tal-*Clubhouse*. L-Avukat tal-Kunsill qed jieħu ħsieb dan il-każ.

5.4 Ġie deċiż li tintalab biex ssir *Sleeping policeman* fi Triq Dar il-Kaptan.

5.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Wardens* qegħdin jagħmlu rondi bil-lejl.

5.6 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni li minkejja li l-Kunsill kellu *deficit* għas-sena 2010, xorta, skont l-accountant il-Kunsill għandu 20,000 Euro.

5.7 Il-Kunsill gie nfurmat li n-nomina għal *Nazzareno Vassallo Award* hija Pauline Dalli.

5.8 Ġie deċiż li jinxtegħel il-Monument li hemm quddiem Binja Ġebel Dwejra.

5.9 Ġie deċiż li jinħareġ il-fuljett tal-Għid bil-messaġġ tas-Sindku.

5.10 Gie deċiz li ssir talba oħra lil Enemalta biex il-parkeggi ta' madwar Binja Qlejgħa ddawlu mas-sistema tal-*istreet ligthing.*

5.11 Giet sottomessa pjanta tal-*bus stops* li hemm fl-iMtarfa lil AKL. Dan biex jitħlu fil-programm biex issiru mill-gdid.

**6 Aġġornamenti u xogħlijiet**

6.1 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ġabet għall-attenzjoni tal-kunsill:

Li l-attività ta' Jum il-Mara kienet ta' suċċess u ippreżentat l-irċevuta li kienet imħallsa. L-unika spiża li l-kunsill se jkollu hija dik tat-transport. Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-i*sponsors*.

6.2.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Fil-parkeġġi ta' madwar Binja Qlejgħa, hemm ħafna dlam. Dan ġie ilmentat mir-residenti. Qed jissuġġerixi li tingħadda fergħa mil-pjazza biex dawn il-parkeġġi jiddawwlu. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li dan huwa possibli biss bil-permess tal-Enemalta. Kien hemm qbil li dawn il-postijiet għandhom jidħlu mal-i*Street Lighting*. Għandha ssir talba lill-Enemalta fuq dan. Din it-talba kienet saret ukoll 2009.

6.2.2 Ġie deċiż li jintalab għal *residents parking* mill-5.00pm sal-11.00 pm fil-parkeġġ ta' ħdejn Binja Qlejgħa, fi Triq San Oswald u fil parkeġġ faċċata ta' Binja Ġebel Dwejra. Dan minħabba t-traffiku li qed jiġi ġġenerat bil-*grounds* tal-*football* u bid-Dar tal-Anzjani li hemm fil-qrib.

6.2.3 Ġie deċiż li napplikaw għall-*loading* u *unloading* fejn l-għassa, u *bring in site* fi Triq l-iMtarfa faċċata tal-*ironmonger*. Għandhom isiru żewġ mirja faċċata Binja Msieraħ. Saru xogħol ta' spralli u mirja, xogħol ta' katusi fi Triq San Oswald u xogħol ta' żebgħa fuq bankijiet.

6.3 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li:

Il-party tat-tfal tal-Għid se jsir l-Erbgħa, 27 ta' April fid-9.30am f'Dar il-Kaptan, biljetti 4 Euro u baġit ta' 200 Euro. It-TCTC fetħu tliet *courses* oħra u li l-Kunsill taż-Żgħażagħ se jieħdu ħsieb l-attività sportiva li se ssir permezz tal-*grant* li ħadna. Ġie deċiż li niktbu lit-TM biex isir *refreshing* fuq il-linji tat-toroq fil-Bypass.

6.4 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm bżonn ta' tindif fis-*soft area* fi Triq Vincenzo Bonello. Hemm bżonn li jiġu *replaced* is-siġar li nsterqu fi Sqaq Alessi. Hemm bżonn li napplikaw ma' TM biex isiru arranġamenti biex id-dar li hemm f'Wesgħet ix-Xemx ikollha aċċess bil-karozza. Ġie deċiż li jingħata appoġġ lir-residenti ta' Binja Ġebel Dwejra jekk dawn jipprotestaw fuq applikazzjoni ta' kamra mortwarja quddiemhom. Talab ukoll biex jissewwa l-ħajt tax-*shooting range.*

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-11.15pm. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta, 12 ta' April 2011 fit-8.15pm

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Anthony Mifsud** |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |